**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 355/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1664/1985)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil- 15 ta' Settembru, 1985 f'Santa Venera u dan kif jirrizulta wkoll mis-separazzjoni taghhom u minn dan iz-zwieg tfal tnejn illum maggorenni

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati skont l-anness Dokument B li huwa kuntratt ta' Separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo' tas-27 ta' April, 2005

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u ma hemm l-ebda pretenzjoni kontra xulxin.

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-partijiet kienu ddikjaraw li kienu ddekadew mid-dritt ta' manteniment

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Frar 2023;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieg jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' April 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.